Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 242 / 2014

Il-Pulizija

(Supt. Michael Mallia)

vs

**Mel Spiteri**

Illum, 17 ta' Ottubru, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mel Spiteri, iben Victor , imwieled Pieta', fl-24 ta' Novembru, 1992, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 559892(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Gunju, 2011 f'xi hin bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl, waqt illi kien gewwa Bugibba, San Pawl il-Bahar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkunaga l-mewt ta' Elizabeth Tucknutt Whilems (Ch 9 Article 225);

U aktar talli fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' Gunju, u s-27 ta' Gunju, 2011, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar (Ch 9 Art 110(2);

U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, saq motor car jew vettura ohra, u cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 minghajr licenzja tas-sewqan (Ch 65 Article 15(1)(a);

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, saq motor car jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont, bla hsieb, bi traskuragni, jew b'mod periklu (Ch 65 Article 15 (1)(a)

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta t-triq kienet immarkata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO 050 waqt illi kien riesaq lejn passagg naqas li jimxi bil-mod u jekk kien hemm bzonn jieqaf (SL 65.11 Artiklu 89(1));

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, waqt illi kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 saq b'velocita' li eccediet il-limiti tal-velocita' bl-ibliet u l-irhula (SL 65.11 Artiklu 127);

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, waqt illi kien qieghed isuq vettura bil-mutur fit-toroq u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FTO050 ma kienx kopert b'polz tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Ch 104 Article 3(1);

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jieqaf wara li kien involut f'incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra (SL 65.11 Artiklu 67(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli li tieghu nstab hati, u cioe':

L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 67(1)(5) u 125 tal-Avviz Legali 65.11;
L-Artikolu 3, 3 (1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikoli 17, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Ikkundannat lil Mel Spiteri ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn (2) u ghal multa ta' elfejn tliet mija u tletin Ewro (€2,330), ikkundannatu ukoll ghal skwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan, u dan ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, u kkundannatu ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef disa' mija u disgha u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,999.87).

Rat ir-rikors tal-appellanti Mel Spiteri minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata, billi **TVARJAHA** fil-parti tal-piena billi minflok timponi piena ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiema fejn naqset li tikkunsidra illi l-imsemmi incident sehh minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet u konsegwentement dawn l-istess kunsiderazzjonijiet ma gewx riflessi fil-piena inflitta b'mod illi giet inflitta piena esagerata fic-cirkostanzi.

Illi l-Qrati Maltin, dwar incidenti tat-traffiku, dejjem irritenew illi kemm is sewwieq **kif ukoll il-*pedestrian* ghandhom obbligi u responsabbilitajiet differenti**. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** (Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031) deciza fl-14 ta' Mejju 1955 il-Qorti ddeskriviet l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u ddikjarat:

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba*

*fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."*

L-istess Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. J. Formosa** sahqet illi

"*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam..*" "*Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta'* '*reasonable care*' *li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, blimprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva.*"

In oltre f' sentenzi ohra il-Qrati elaboraw dwat sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruhha; eg. "*meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Illi dwar ir-responsabbilta' tal-pedestrian, l-Highway Code jistipula illi meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

*"23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara ttraffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek."*

*"24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah."*

*"25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċita kbira."*

*"26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghallgharrieda."*

Illi inoltre l-istess Highway Code meta jitratta dwar *zebra crossings* jaghmilha cara illi: ***"43. Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f'distanza ta' madwar 50 metru 'l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x'imkien iehor."***

Fil-kaz odjern kif evidenzjat mill-pjanta esebita fil-process u kif ukoll mill-istess xhieda ta' Maurice Whilems (a fol 22 tal-process) li jigi r-ragel tal-vittma jikkonfermaw illi xi erbghin metru l-boghod minn fejn il-vittma ttajret kien emm *zebra crossing* fejn facilment il-vittma setghet qasmet minnha. Di piu' il-vittma ma kinitx ta' eta zghira u ghaldaqstant minhabba l-vulnerabbilta taghha *multo magis* kellha taqsam miz-*zebra crossing.*

Dan ghaliex jekk bir-rispett kollu il-persuna hija anzjana ovvjament ir-riflessi taghha ma jkunux daqstant pronti daqs dawk ta' persuna izghar fl-eta`, iktar u iktardik il-persuna anzjana ghandha tuza grad ta' diligenza oghla liema grad ta' diligenza seta' wassal biex fil-kaz odjern gie evitat dan l-incident kieku l-vittma ghazlet li taqsam miz-*zebra crossing.*

Di piu' fil-kaz odjern l-incident sfortunat sehh bil-lejl ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (11.00pm). Illi l-istess Highway Code isemmi r-responsabbilta' tal-*pedestrian* meta jkun qed jaqsam bil-lejl fejn fost l-ohrajn jobbliga lill-*pedestrian* sabiex jaqsam primarjament minn *pedestrian crossing* jekk hemm wahda fil-vicin (u fil-kaz inkwistjoni kien hemm *zebra crossing* fil-vicin hafna) u huwa biss meta **m'hemmx** *pedestrian crossing* fil-vicin illi l-pedestrian ghandu jaghzel li jaqsam it-triq minn hdejn dawl tat-toroq.:

*Bil-lejl*

*"36. Ilbes xi haga li tleqq biex ikun aktar facli li ohrajn jarawk.* ***Jekk m'hemmx pedestrian crossing fil-qrib,*** *aqsam it-triq hdejn dawl tat-toroq sabiex it-traffiku jkun jista' jarak aktar facilment."*

Inoltre' l-incident sehh fi Triq il-Qawra l-Qawra liema triq hi traffikuza immens. Fil-fatt fl-Atti tal-Inkjesta stess fl-access mizmum mit-tekniku Vincent E. Ciliberti gie kkonstatat (pagna 13 tal-Atti tal-Inkjesta Dwar Incident Stradali Fatali fi Triq il-Qawra):

*"illi bhala triq, il-parti fejn sehh dan l-incident hija triq ferm passagguza u anke traffikuza, b'mod partikolari fiz-zminijiet sajfin."*

Dan ifisser illi l-grad ta' diligenza da' parti tal-vittma kellu jkun sahansitra oghla tenut tal-fatt li t-triq fejn sehh dan l-incident hija triq traffikuza immens *b'mod partikolari fiz-zminijiet sajfin"* u tenut kont tal-fatt illi meta l-vittma qasmet kien tard bil-lejl fejn il-vizibilita' kemm ghalija biex taqsam kif ukoll ghas-sewwieqa tal-vetturi ghaddejin ma tkunx ideali.

Ghalhekk fil-kaz de quo r-responsabbilta' ghall-incident li sehh ghandha tkun apporzjonata mar-responsabilitajiet illi kellhom iz-zewg partijiet involuti fl-incident. Illi fil-kamp penali il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il kawza unika tas-sinistru" kif intqal tajjeb mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs P.Vassallo"**, pero l-Qorti ziedet ukoll "Imma jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Fil-fatt kif jghid il-Professur Mamo fin-Noti tieghu:

*"Contributory negligence on the part of the victim is not a ground of defence … because the Republic and not the deceased or his representative is the plaintiff … It may perhaps be a ground for lightening the sentence.' (paġina 72)*

Ghalhekk umilment jigi sottomess illi din l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-komputazzjoni tal-piena naqset li tiehu in konsiderazzjoni n-negligenza kontributorja tal-parti leza u milli tinfliggi piena ekwa u gusta li tirifletti tali cirkostanzi.

Illi in oltre f'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi li trattaw dwar l-skop tal-piena fejn anke persuni li sahansitra kienu <u>recidivi</u>, (mhux bhal fil-kaz tal-esponenti li ghandu kondotta kompletament netta) wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' <u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta'Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u**

**ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Illi in oltre fuq talba tad-difiza thejja *pre-sentencing report* datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn fih l-Ufficjal tal-Probation **Charisse Boffa** dwar l-aspett riformattiv u riparatorju, sahqet illi:

*"F'kuntatt li sar m'ommu kif ukoll mal-imputat innifsu gie spjegat kif huwa kellu trobbija tajba fejn il-genituri tieghu kienu dejjem prezenti f'hajtu. Ghalkemm fil-prezent* ***m'ghadux jghix mal-familja tieghu xorta wahda imur ghandhom kuljum ghaliex baqghu maghqudin bhala familja.*** *F'kuntatt li wkoll sar mas-siehba tal-imsemmi li ilha tghix mieghu ghal din l-ahhar sena,* ***iddeskrivitu bhala persuna riservata hafna fejn izomm hafna ghalih****, izda huwa wkoll persuna kalma u pjuttost trankwilla.*

*Mel Spiteri ghandu diversi hiliet specjalment f'xoghol ta' manutezzjoni fuq karozzi u l-iktar fuq dghajjes u ingenji tal-bahar. Fil-prezent huwa* ***jahdem fuq bazi full-time bhala boatman*** *kif ukoll* ***sikwit jattendi korsijiet*** *biex ikun jista' jakkwista iktar tahrig fuq dghajjes halli dejjem jahdem fuq l-aspirazzjoni tieghu biex isir kaptan.*

*Fiz-zmien li nbdew dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu,* ***l-imsemmi jghid li kien xokk kbir ghalih, fejn kellu jieqaf mix-xoghol temporanjament kif ukoll jattendi ghal sessjonijiet ta' terapija ghand psikologu.*** *Huwa jispjega li* ***baqa' miexi lquddiem bis-sapport tal-familja u tat-tfajla.*** *Izda xorta gieli jkollu mumenti hziena fejn ukoll* ***ma' jkunx jista' jorqod. Omm l-imputat issostni li ghalkemm Mel ma jurix affetwahw f'diversi aspetti dawn il-proceduri kriminali, l-ewwel nett b'mod emozzjonali kif ukoll li ma jistax isuq*** *ghalhekk huwa hafna ristrett anke minhabba opportunitajiet ta' xoghol.*

Ghaldaqstant tenut kont ta' dak suespost kif ukoll tenut kont tal-fatt illi l-appellant ghadu zghir fl-eta, illi l-appellant iddispjacih tal-akkadut, illi l-appellant ghandu fedina penali netta u illi l-incident sehh minhabba tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet, piena karcerarja effettiva ma hiex wahda gusta fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Ghalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar in-nullita tas-sentenza appellata, il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti ghalkemm matul is-sentenza ghamlet konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant u qieset ta' xiex kienet qieghda ssib lill-akkuzat hati u ta' xiex ma kinitx, fil-parti dispositiva naqset milli tiddikjara ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija, izda minflokk semmiet l-artikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija u infliggiet il-piena.

Filfatt l-Ewwel Qorti fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata niezlet:

'*Ghaldaqstant dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli li tieghu nstab hati, u cioe':*

*L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-Artikoli 67(1)(5) u 125 tal-Avviz Legali 65.11;*

*L-Artikolu 3, 3(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-Artikoli 17, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.*

*Tikkundanna lil Mel Spiteri ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn (2) u ghal multa ta' elfejn tliet mija u tletin Ewro (€2,330).*

*Tikkundannah ukoll ghal skwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan, u dan ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum.*

*Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef disa' mija u disgha u disghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,999.87).*'

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

Bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tifhem li kellhom mhux biss jitnizzlu l-imputazzjonijiet li taghhom l-akkuzat kien gie akkuzat kif filfatt ghamlet l-Ewwel Qorti izda kellu anke fil-parti dispositTiva jitnizzel kjarament ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htjia u sussgewentement kif ghamlet tnizzel l-artikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija u tinfliggi l-piena. Ghalkemm jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset l-imputazzjonijiet fil-parti tas-sentenza ddedikata ghal kunsiderazzjonijiet u iddikjarat jekk kinitx qieghda ssib htija, gialadarba ma jirrizultax li fil-parti dispositTiva gie mnizzel ta' liema imputazzjonijiet kienet qieghda ssib htija, sejra *ex officio* tikkunsidra jekk dan iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[1] gie kkunsidrat li:

*'Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 171/2011)

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield'**[2] gie kkunsidrat li:

*'Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Arthur Mercieca Vs Keith Pace'**[3] gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-atti jirrizultaw zewg imputazzjonijet migjuba fil-konfront tal-appellant u cioe' dawk tas-serq u tar-ricettazzjoni li huma alternattivi wahda ghall-ohra. Illi ghaldaqstant, meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena minghajr dikjarazzjoni dwar liema minn dawn iz-zewg reati kienet qed tinstab htija u dan iwassal ghal nullita' fis-sentenza appellata billi l-istess hija nieqsa minn dikjarazzjoni dwar ili fatti li dwarhom huwa qieghed jinstab hati u allura ma jirrizultax car ghal liema reat qed tirrizulta tali htija.'*

Ikkunsidrat;

Illi nonostante l-fatt li l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonjiet taghha taghmel analizi dettaljata tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u anke tindika taht liema artikoli l-akkuzat kien qieghed jinstab hati u fil-kunsiderazzjonijiet taghha tnizzel

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru: 327/2005)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Jannar, 2016 (Appell numru: 342/2015)

ukoll fejn ma kinitx qieghda ssib htija u cioe' ta' dak stipulat fl-artikolu 89(1) '*tal-imsemmi Avviz Legali*'[4], tenut kont tal-fatt li l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva ghalkemm nizlet l-artkoli tal-ligi li tahthom kienet qieghda ssib htija, ma nizlitx l-imputazzjonijiet fl-istess parti dispositiva li tahthom kienet qieghda ssib htija, ifisser li dak rikjest *ad validitatum* mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat.

B'zieda ma dan, anke jekk mill-kunsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti kellu jirrizulta ta' xiex l-appellant kien qieghed jinstab hati, jirrizulta xorta wahda li l-Ewwel Qorti fil-parti dispositiva erronjament indikat l-artikolu '*125 tal-Avviz Legali 65.11*' izda ma indikatx ir-regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11. In oltre, din il-Qorti qieghda tifhem li fejn l-Ewwel Qorti kienet qieghda tirreferi ghall-'*Avviz Legali 65.11*', hija kienet qieghda tirreferi ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[5] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[6] gie kkunsidrat:

---

[4] Li din il-Qorti qieghda tifhem li bil-kliem 'Avviz Legali' kienet qiehda tirreferi ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[7] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Dil-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qieghda tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[7] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995